# L-GĦAXQA TIEGĦU

Prayer Spaces in Schools Malta

Qatt rajt lil xi ħadd jitgħammed? Forsi tad-dar jirrakuntawlek x'ġara dak inhar meta inti sirt parti mill-familja ta' Alla. Ġesù ukoll tgħammed! Dakinhar l-Ispirtu s-Santu niżel fuq Ġesù biex jibqa' dejjem miegħu u Alla l-Missier wera min kien Ġesù meta qal; "Inti Ibni l-għażiż; fik sibt l-għaxqa tiegħi". Kif inħossni jekk nisma' lil Alla jgħid li hu kuntent bija?

- **Ħu ftit ħin biex timmaġina l-magħmudija tiegħek, meta l-Ispirtu s-Santu niżel fuqek u Alla kien ferħan ħafna bik.**
- **Agħti l-kulur lill-kliem li ssib fuq waħda minn dawn il-karti b' forma ta' inkwardru. Tista' ukoll tikteb id-data tal-magħmudija tiegħek.**
- **Kompli billi tirringrazzja lil Alla l-Missier, lil Ibnu Ġesù u lill-Ispirtu s-Santu li jitgħaxxqu bik.**